

32004D0621

L 279/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.8.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Awwissu 2004

li temenda d-Deċiżjoni 2002/994/KE dwar ċerti miżuri protettivi fuq prodotti li ġejjin mill-annimali u li huma importati miċ-Ċina

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3256)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/621/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, u l-aktar l-Artiklu 22(1) miġjub fiha,

Billi:

- (1) Wara s-sejba ta' residwi ta' mediċini veterinarji f'ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali u li huma importati miċ-Ċina, u wara n-nuqqasijiet li nstabu matul żjara ta' spezzjoni f'dak il-pajjiż dwar ir-regoli ta' mediċini veterinarji u s-sistema tal-kontroll tar-residwu f'annimali haġġin u l-prodotti li ġejjin mill-annimali, il-Kummissjoni addottat id-Deċiżjoni 2002/69/KE tat-30 ta' Jannar 2002 dwar ċerti miżuri protettivi b'rabta ma' prodotti li ġejjin mill-annimali u li jkunu importati miċ-Ċina ⁽²⁾.
- (2) Fid-dawl tat-tagħrif li nġhata mill-awtorità kompetenti Ċiniża u r-riżultati tajbin tal-verifiki li saru mill-Istati Membri, l-importazzjoni miċ-Ċina ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali kienet ġiet awtorizzata b'diversi emendi fid-Deċiżjoni 2002/69/KE, li mbagħad kienet imsaħħa bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/994/KE ⁽³⁾.
- (3) Minħabba l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi u l-garanziji pprovduti mill-awtorità kompetenti Ċiniża, ir-riżultati tajbin taż-żjara l-ġdida ta' spezzjoni lejn iċ-Ċina, u r-riżultati tal-verifiki li saru mill-Istati meta dawn

impurtaw prodotti miċ-Ċina, issa jista' jitiqies li l-prodotti li ġejjin mill-annimali u li jkunu importati miċ-Ċina huma suġġetti għal verifiki kompluti u sistematiċi fuq is-sigurtà ta' l-ikel u l-għalf.

- (4) L-awtorità kompetenti Ċiniża tat garanzija, l-aktar, li kull kunsinna ta' prodotti li ġejjin mill-annimali u maħsuba għall-użu mill-bniedem jew bħala għalf għall-bhejjem fil-Komunità trid tgħaddi minn verifika sistematika qabel ma dawn ikunu esportati biex tinstab il-preżenza ta' mediċini veterinarji. L-awtorità kompetenti Ċiniża tat garanzija wkoll li l-kunsinni kollha se jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, li din tkun tikkonferma li l-prodotti jkunu ġew vverifikati qabel l-esportazzjoni u li fiha jkun hemm ukoll ir-riżultati tal-verifiki analitiċi.
- (5) Minħabba r-riżultati u l-garanziji spjegati fuq, huwa xieraq li jinbidlu l-miżuri protettivi li hemm fid-Deċiżjoni 2002/994/KE bi kriterju li l-kunsinni kkonċernati jiġu ttestjati fil-post ta' l-oriġini qabel l-esportazzjoni tagħhom lejn il-Komunità, u li dawn se jkunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni li tkun tikkorrispondi.
- (6) Madankollu, iż-żjara ta' spezzjoni xorta sabet ċerti nuqqasijiet dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa li jgħoddu fiċ-Ċina għall-produzzjoni ta' laħam tat-tjur maħsub għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Minħabba dawn in-nuqqasijiet, flimkien mas-sitwazzjoni li nħolqot bit-tifqigħa ta' l-influenza ta' l-għasafar, ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur għadhom ma jistgħux jitneħħew.
- (7) Id-Deċiżjoni 2002/994/KE għandha, għalhekk, tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 9. Direttiva emendata bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, tat-30.4.2004, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 30, tal-31.1.2002, p. 50. Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2002/933/KE (ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 71).

⁽³⁾ ĠU L 348, tal-21.12.2002, p. 154. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2003/72/KE (ĠU L 26, tal-31.1.2003, p. 84).

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2002/994/KE qed tiġi emendata kif ġej:

- (1) L-Artikoli 2 u 3 qed jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti mniżżla fl-Anness fi qbil ma' din id-Deċiżjoni, u mal-kundizzjonijiet speċifiċi dwar is-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika li jgħoddu għall-prodotti kkonċernati.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-kunsinna tal-prodotti li hemm fit-Taqsima II ta' l-Anness li jkunu akkumpanjati b'dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti Ċiniża li tkun tiddikjara li qabel id-dispaċċ kull kunsinna kienet suġġetta għal test kimiku biex ikun żgurat li l-prodotti kkonċernati m'għandhom l-ebda periklu għas-saħħa tal-bniedem. Dan it-test għandu jsir l-iżjed bil-ħsieb li tkun tista' tinstab il-preżenza tal-Kloramfenikol u n-Nitrofurantoin u l-metaboliti tiegħu. Ir-riżultati tal-verifiki analitiċi għandhom ikunu inklużi."

- (2) L-Artiklu 4 qed ikun imħassar.

- (3) L-Artiklu 6 qed jinbidel b'dan li ġej:

"Artiklu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fuq il-bażi tat-tagħrif u l-garanzji mogħtija mill-awtorità kompetenti Ċiniża u, jekk hemm bżonn, tar-riżultati ta' żjarat ta' spezzjonijiet li jsiru fuq il-post mill-esperti tal-Komunità."

- (4) L-Anness qed jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-*jum/xahar/sena* [Daħħal data 3 ijiem wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fis-26 ta' Awwissu 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

“ANNEX

Parti I

Lista ta' prodotti li ġejjin mill-annimali li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew biex jintużaw bħala għalf għall-bhejjem u li huma awtorizzati biex ikunu importati fil-Komunità mingħajr id-dikjarazzjoni li hemm fl-Artikolu 3

- Prodotti tal-ħut, ħlief:
 - Dawk miksuba mill-akwakultura,
 - Gambli mqaxxin u/jew ipproċessati
 - Gambli ta' l-ispeċi *Procambus clarkii* li jkunu nqabdu filma ħelu naturali bis-sajd
- Ġelatina.

Parti II

Lista ta' prodotti li ġejjin mill-annimali li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew biex jintużaw bħala għalf għall-bhejjem u li huma awtorizzati biex ikunu importati fil-Komunità, suġġett għad-dikjarazzjoni li hemm fl-Artikolu 3:

- Prodotti tal-ħut ta' l-akwakultura.
 - Gambli mqaxxin u/jew ipproċessati.
 - Gambli ta' l-ispeċi *Procambus clarkii* li jkunu nqabdu filma ħelu naturali bis-sajd
 - Kisi għall-protezzjoni
 - Laħam tal-fenek
 - Għasel
 - Ġèli Rjali”.
-